MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru 3/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**vs**

**JAMES ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom James Abela ta’ 34 sena, iben John u Anna nee’ Zammit, imwieled Melbourne Vitoria Australia nhar id-19.09.1974 u residenti no. 46, Triq San Pitru, Qormi, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 260992(M).

Billi gie akkuzat talli gewwa l-Mellieha nhar it-13 ta’ Novembru 2008 f’xi hin qabel it-3.30 ta’ wara nofs in-nhar ikkommetta serq ta’ zewg heavy duty batteries minn vettura (crane) ta’ ghamla Coles bin-numru tar-

registrazzjoni BBQ-567, ghad-detriment ta’ Jesmond Bartolo u/jew persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi 232.94 euro.

U fl-ahharnet talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, Magistrat Dott. Jacqueline Padovani Grima LL.D. datata 10 ta’ Ottubru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AP3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li r-rifurtiva issa giet ritornata lill-parte civile u inoltre iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli u Dr Renzo Porsella Flores Avukat tal-Ghajnuna Legali tal-imputat iddikjaraw li l-imputat jehtieg assistenza ghall-abbuz mid-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b),(c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 280(2), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat James Abela fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li r-rifurtiva issa giet ritornata lill-parte civile u inoltre iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli u Dr Renzo Porsella Flores Avukat tal-Ghajnuna Legali tal-imputat iddikjaraw li l-imputat jehtieg assistenza ghall-abbuz mid-droga, tiddeciedi ai termini tal-artikoli 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat James Abela taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reat simili u li l-imputat jinghata assistenza ghall-abbuz mid-droga.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna in-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat James Abela.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat James Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------